**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 06**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento (online)
Daniel Ablett
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Xandru Mallia

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt - Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 06.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 06.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku Xandru Mallia.

Is-Sindku nforma li hu kien se jsegwi is-Seduta Online għaliex jinsab imsiefer.

## 06.3 MOZZJONI NRU 04/2024 (IX)

**Transport Malta Permanent Sustainable Mobility Policy Initiative**

**Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Fiona Borg Lewis u il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

*Kif imsemmi fil Pjan ta ħidma fuq il bażi tal Manifest elettorali, il Kunsill jrid jaħdem u jagħti opportunitajiet lir-residenti spazji aktar miftuħa kif ukoll trasport sostenibbli li jilħaq liċ-ċittadin. Għalhekk qed inressqu għal approvazzjoni li nipparteċipaw f'żewġ proġetti maħruġa minn TM u IM rispettivament u li jindirrizaw dan il kunċett.*

*Transport Malta estendew il ġurnata li fiha iċċelebrajna l- European Mobility Day fuq perjodu ta sena. Fejn b'għajnuna ta €10,000 qed jistennew proġett li jkun jista' jħeġġeġ lir-residenti jużaw aktar ir-roti u l-mixi għal mobbiltà tagħhom.*

*Għaldaqstant, qed nissuġġerixxi li Triq il-Kbira, quddiem il Knisja ta San Gorg tiġi magħluqa għat traffiku bejn is-Sibt u l-Ħadd darba fix-xahar għal perjodu ta Sena bil-possibilità li dan il proġett pilota jiġi permanenti wara konsultazzjoni mar residenti.*

*Ma dan tlabna lil Malta Public Transport biex jagħtuna prezz ta kemm tiġi biex ikollna rotta nterna b'vetturi elettriċi li apparti li tnaqqas it-tniġġis tal-karozzi tal-linja, minn ġo Hal Qormi nilħqu l periferija tal-lokalita' tagħna. Il-karozzi tal-linja elettriċi waqt l-għeluq tal pjazza jibqgħu jgħaddu xorta biex nħajru aktar nies jużaw dan il-mod tat-trasport. Minħabba f'hekk jkun hemm bżonn ta' tibdil fid-direzzjoni tat traffiku quddiem il-maħżen tal-armar. Din ħa tkun qed tiġi inkluża fl-applikazzjoni mat-Transport Malta.*

*Waqt l-għeluq tal-Pjazza qed nissuġġerixxi li NGOs differenti u negozji lokali, jorganizzaw attivitajiet bħal logħob tradizzjonali, logħob bir roti, road safety awareness, lezzjonijiet tal-banda, treasure hunt kulturali, infiorata, healthy eating, u tberik tal-annimali. Qed naħsbu ukoll biex il-pjazza tiġi imżejna bi planters u bankijiet li jkunu jistgħu jiġu permanenti.*

*X'ser jieħdu r resident minn dan kollu? Apparti li nippruvaw nbiddlu il-ħsieb tan-nies u nużaw modi aktar sostenibbli biex naslu minn post għal ieħor, se nkunu qedin nitolbu lil Università ta Malta biex qabel u waqt dawn il-miżuri titkejjel l-arja biex b'hekk inkunu nistgħu noħorġu studju fuq il kwalità tal arja tal lokal. Hawnhekk se jkunu qed jitwaħħlu cameras apposta li jkejlu l-pollutants tal-arja*

*Il-fond li qed napplikaw għalih hu ta Eur10,000. Il-Kunsill jrid jieħu ħsieb l-operational costs bhal LESA, etc*

*Mal-iskejjel, ħa nkunu qed norganizzaw Road Safety Day, fejn it-tfal ikollhom taħriġ ta kif għanda tintuża it-triq bl-aktar mod sigur kif ukoll l-użu tar roti. Dan issir b'kollaborazzjoni mat-Transport Malta.*

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** spjegat il-mozzjoni u qalet li ir-residenti tal-madwar iridu jiġu ikkonsultati.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa meta se jiġu ikkonsultati.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa x'jiġri jekk il-Knisja ikun hemm tieġ.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** spjegat li se jinżlu biss vetturi elettriċi u tal-Linja bejn is-Sibt u il-Ħadd

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** saħaq li il-konsultazzjoni riedet issir qabel l-applikazzjoni.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa x'se jsir mill-bars.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'inhu il-benefiċċju tagħha.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li il-Mosta rnexxiet u jibdew jgħaddu biss vetturi elettriċi.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ġibed l-attenzjoni li mill-Mosta għandhom ħafna toroq min fejn joħorġu mhux bħal fejn il-Knisja ta' San Gorg.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** semma li din se tkun problema għal diversi anzjani li is-Sibt jew Ħadd jitwasslu għal quddies.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa min fejn se jgħaddu ir-residenti inkluż dawk ta' Triq Kardinal Xiberras.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issuġġerixxa li din trid issir b'konsultazzjoni mar-residenti.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li hemm fejn joqgħodu 12 il-planter.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** tenna li b'attività ta' darba fix-xahar mhux se tbiddel mindset.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** issuġġerixxa li issir fi Triq il-Kbira, bejn Triq Santa Katarina u il-Każin tal-Għaqda Muzikali San Gorg Martri.

Il-Kunsilliera kollha preżenti għalhekk qablu li jintgħażlu tliet lokazzjonijiet fejn ikunu anqas ta' inkonvenjent u dawn jingħalqu b'konsultazzjoni qabel mar-residenti.

Liema lokazzjonijiet huma:

- Triq il-Kbira bejn l-Ispiżerija u Triq Santa Katerina
- Triq il-Vitorja bejn Triq iż-Żinżel u Triq San Bartolomew
- Triq Dun Ġwakkin Schembri

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur l-għaxar (10) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 04/2024 (IX) ġiet approvata kif emendata.

## 06.4 MOZZJONI NRU 05/2024 (IX)

**Infrastruttura Malta - Vjal Kulħadd**

**Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Fiona Borg Lewis u il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

*Kif imsemmi fil Pjan ta' ħidma fuq il bażi tal-Manifest elettorali, il Kunsill irid jaħdem u jagħti opportunitajiet lir-residenti spazji aktar miftuħa kif ukoll trasport sostenibbli li jilħaq liċ-ċittadin. Għalhekk qed inressqu għal-approvazzjoni li nipparteċipaw fi proġett maħruġ minn IM u li jindirizza dan il kunċett.*

***IM Vjal Kulhadd :***

*Din hija inizjattiva mill IM biex pjazza jew Triq tigi mibdula biex tintuża bħala spazju miftuħ għar-residenti bl-aktar mod sostenibbli. Dawn huma l proposti li wieħed jista' jinkludi :*

***Possible interventions within the above urban spaces could comprise:***
***01***. *Total/partial pedestrianisation*
***02***. *Pedestrian infrastructure improvement*
***03***. *Traffic calming measures*
***04***. *On-street parking adjustments*
***05***. *Street greening (green infrastructure)*
***06***. *Cycling provision enhancement (shared roads or dedicated infrastructure)*

*B'dawn l-idejat ħsibna f'din iż-żona bid-dettalji kif ġej*

1. ***Alexandra Square***, *għalkemm hawnhekk diġà hemm spazju miftuħ pero il-ġnien eżistenti nistgħu ninkludu fih dawn il punti kollha msemmija hawn fuq biex issir partially pedestrianised, infrastruttura aħjar, tibdil fid-direzzjonijiet tat-traffiku biex tnaqqas il-karozzi, tibdil fil-parkeġġi, estensjoni tal-ġnien billi jsir ilqugħ mill elementi fuq il-parkeġġi kif ukoll il ġnien jibqa' joħroġ sat-tarf tal pjazza, bil-bus stop li hemm fejn ġej il-Lidl, jiġi aktar l-isfel u jsir parti mid-disinn, kif ukoll lane għaċ-ċiklisti. Se jiżdied ġibjun biex niġbru l-ilma u d dawl jibda jittieħed minn solar panels li jitwaħħlu fuq l-istrutturi tal injam eżistenti. Qed ninkludi sketch biex il kunċett ikun jista' jiġi spjegat aħjar.*

*Il Proposti se jkunu jinkludu wkoll manutenzjoni għal 10 snin.*

*Il fond totali għal dan il-proġett bejn il-Kunsilli kollha hu ta Eur 10 miljuni u l-allokazzjoni ħa jsir kollha mill Infrastruttura Malta.*

*Dan il-proġetti huwa 100% funded.*

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil li ġaladarba dan il-proġett huwa 100% funded, il-Kunsill Lokali mhu se jitlef xejn billi japplika.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur l-għaxar (10) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 05/2024 (IX) ġiet approvata.

## 06.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***17 ta' Ottubru 2024***.

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Xandru Mallia
Vici Sindku

Ralph Puli
Kunsillier

Nicholai Falzon
Kunsillier

Marvin Zammit
Kunsillier

Daniel Ablett
Kunsillier

Jurgen Abela
Kunsillier

Fiona Borg Lewis
Kunsillier

Elke Cassar Sghendo
Kunsillier

Alessio Decarlo
Kunsillier

Doris Zammit
Kunsillier